TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 65/11

**Mary Grace Wood**
**vs**
**Fair Deal Furniture**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħames mija u dsatax-il ewro, u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€519.45), rappreżentanti prezz ta' saqqu b'għoxrin sena garanzija u wara tliet snin dan is-saqqu beda jinżel.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat saqqu għall-prezz ta' ħames mija u dsatax-il ewro, u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€519.45), u wara tliet snin dan is-saqqu beda jċedi u ma kienx tajjeb għal iktar użu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta u għalhekk mhux qed jikkontesta t-talba.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tagħha hija kredibli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, u b'dan illi s-saqqu jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**